MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 148/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti; li permezz tieghu ippremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata fil-15 ta’ Dicembru 1984 (Certifikat taz-zwieg anness u market Dok. A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u resqu ghas-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt ippubblikat in atti Nutar Dottor Marco Burlo fil-11 ta' Marzu 2004 (kopja annessa Dok. B).

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal li huma maggorenni, u l-manteniment dovut ghalihom mir-rikorrent, dejjem gie mhallas. Ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara z-zwieg tieghu mal-intimata bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dankollu that kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' April, 2014;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha li gew esebiti;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta’ Marzu, 2014;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------